# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM il-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2015

**Kawża Nru 32**

**Rik. Nru. 593/13JRM**

Josephine **FARRUĠIA**, Rita Baldacchino u Doris Tabone, lkoll ulied il-mejjet Alfred Baldacchino

vs

Rita **FARRUĠIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Ġunju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din l-Qorti (i) tistabilixxi l-ammont ta' flus li missierhom Alfred Baldacchino ta b'titolu ta' donazzjoni lill-imħarrka qabel miet; (ii) issib li tali donazzjoni ma saritx kif trid il-liġi; (iii) issib li għalhekk dik id-donazzjoni ma tiswiex; u (iv) issib li s-somma hekk mogħtija lill-imħarrka jmissha titqies bħala parti mill-massa tal-ġid tal-wirt ta' missierhom Alfred Baldacchino. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2013, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fit-30 ta' Lulju, 2013, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili; li jonqos fl-atturi l-jedd legali li jressqu l-kawża għaliex ma jistgħux jattakkaw dak li missierhom seta' għamel f'ħajtu, liema jedd jispetta biss lill-werrieta tiegħu u l-atturi mhumiex werrieta ta' missierhom; li l-azzjoni mressqa saret ħażin għaliex ma tressqitx kontra l-werrieta ta' missier l-atturi u għalhekk l-eċċipjenti mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni u billi l-artikoli 620(2) u 620(3) tal-Kodiċi Ċivili jagħmluha ċara li f'kawża maħsuba għall-ħlas tas-sehem riżervat, il-ġid tal-wirt tal-mejjet jitqies li jgħodd fih ukoll dak li minnu t-testatur ikun iddispona b'titolu gratuwitu favur xiħadd; li l-atturi ma għandhomx l-interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem din l-azzjoni għaliex l-imsemmi artikolu 620(2) tal-Kodiċi Ċivili diġa' jieħu ħsieb dak li huma jitolbu fil-kawża tal-lum; u eċċepiet ukoll il-*litis pendentia* skond l-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili billi l-istess atturi ressqu kawża oħra bl-istess mertu ta' din il-kawża. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet li Alfred Baldacchino taha xi donazzjoni kif jallegaw l-atturi, iżda l-flejjes li għaddhielha tul is-snin li hija u l-imsemmi Alfred Baldacchino għamlu jgħixu flimkien kienu ħlasijiet maħsuba biex ikunu jistgħu jintużaw għall-ħajja u minħabba l-kuri u s-serviġi li hija tat lill-istess Alfred Baldacchino u ma sarux b'liberalita'. Żiedet tgħid li wkoll kieku wieħed kellu jqis is-somom lilha mgħoddija bħala 'donazzjoni', ma kien hemm l-ebda nullita' fil-mod kif dawk is-somom għaddew, u f'kull każ, jaqa' fuq l-atturi li jfissru għal liema 'donazzjoni' tirreferi l-kawża tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2013[1], li bih (i) u b'riferenza għall-ħames eċċezzjoni preliminri tal-imħarrka, ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tal-kawża Rikors Numru 594/13JA fl-ismijiet "*Josephine Farruġia, Rita Baldacchino u Doris Tabone, lkoll ulied il-mejjet Alfred Baldacchino vs Jasmine Baldacchino*" biex tinstema' flimkien ma' din il-kawża; u (ii) ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, ssir it-trattazzjoni tal-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrka;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2014[2], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni wkoll tal-ewwel paragrafu tat-tielet eċċezzjoni (preliminari) tal-imħarrka;

[1] Paġ. 65 tal-proċess
[2] Paġ. 152 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta' Ottubru, 2014[3] u d-degriet tagħha ta' dakinhar li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li tagħhom kienet qiegħda ssir it-trattazzjoni f'dan l-istadju tal-kawża;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fl-1 ta' Diċembru, 2014[4];

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka waqt is-smigħ tat-2 ta' Diċembru, 2014[5], li biha irtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-19 ta' Jannar, 2015[6], bi tweġiba għal dik tal-imħarrka;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2015, li bih ħalliet il-kawża għall-lum għas-sentenza fuq it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' donazzjoni għaliex magħmula bi ksur tal-jeddijiet tal-atturi għas-sehem riżervat mill-wirt ta' missierhom id-donatur, u għaliex ma saritx b'att pubbliku. L-atturi qegħdin jitlobu li jkun stabilit kemm kien l-ammont tad-donazzjoni, u wkoll li l-ammont stabilit jingħadd bħala parti mill-wirt tal-missier ladarba l-Qorti ssib li ma tħarsitx il-liġi dwar is-siwi tad-donazzjoni;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka laqgħet b'eċċezzjonijiet kemm ta' xejra preliminari u kif ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Fost tal-ewwel, l-imħarrka laqgħet billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili (l-ewwel eċċezzjoni preliminari). Laqgħet

[3] Paġ. 398 tal-proċess
[4] Paġġ. 400 – 7 tal-proċess
[5] Paġ. 409 tal-proċess
[6] Paġġ. 410 – 2 tal-proċess

billi qalet li jonqos fl-atturi l-jedd legali li jressqu l-kawża għaliex ma jistgħux jattakkaw dak li missierhom seta' għamel f'ħajtu, liema jedd jispetta biss lill-werrieta tiegħu u l-atturi mhumiex werrieta ta' missierhom (it-tieni eċċezzjoni); li l-azzjoni mressqa saret ħażin għaliex ma tressqitx kontra l-werrieta ta' missier l-atturi u għalhekk l-eċċipjenti mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni u billi l-artikoli 620(2) u 620(3) tal-Kodiċi Ċivili jagħmluha ċara li f'kawża maħsuba għall-ħlas tas-sehem riżervat, il-ġid tal-wirt tal-mejjet jitqies li jgħodd fih ukoll dak li minnu t-testatur ikun iddispona b'titolu gratuwitu favur xiħadd (it-tielet eċċezzjoni); li l-atturi ma għandhomx l-interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem din l-azzjoni għaliex l-imsemmi artikolu 620(2) tal-Kodiċi Ċivili diġa' jieħu ħsieb dak li huma jitolbu fil-kawża tal-lum (ir-raba' eċċezzjoni); u eċċepiet ukoll il-*litis pendentia* skond l-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili billi l-istess atturi ressqu kawża oħra bl-istess mertu ta' din il-kawża (il-ħames eċċezzjoni);

Illi dwar il-ħames eċċezzjoni preliminari, il-Qorti ipprovdiet billi ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tal-kawża 593/13JA biex tinstema' flimkien ma' din;

Illi b'nota tat-2 ta' Diċembru, 2014, l-imħarrka irtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni;

Illi din is-sentenza sejra tqis it-tieni, t-tielet (l-ewwel paragrafu) u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari;

Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn il-<u>fatti rilevanti</u> li jixħtu dawl fuq il-każ u fuq dak li għalissa l-Qorti trid tiddeċiedi dwaru. It-tliet atturi huma aħwa mill-istess missier. Il-missier, Alfred Baldacchino kien infired legalment minn ma' omm l-atturi, Mary Baldacchino, bis-saħħa ta' kuntratt nutarili ta' firda personali tas-17 ta' Frar, 1983;

Illi Alfred Baldacchino kien daħal f'relazzjoni mal-imħarrka u minnha kellu tifla, Jasmine, li twieldet fl-1993;

Illi Alfred Baldacchino miet testat fl-24 ta' Diċembru, 2012[7]. Il-wirt tiegħu huwa regolat b'żewġ testmenti: l-ewwel wieħed magħmul fid-9 ta' Mejju, 1996, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Manġion[8]; waqt li t-tieni wieħed sar fit-23 ta' Marzu, 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut[9];

[7] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[8] Dok "D", f'paġġ. 12 – 5 tal-proċess
[9] Dok "E", f'paġġ. 9 – 11 tal-proċess

Illi fl-ewwel testment, Baldacchino ħalla l-użufrutt tad-dar li kien jgħix fiha fi Triq in-Newl, f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, lill-imħarrka u lil bintha, b'kulma jinsab fiha mill-għatba 'l ġewwa li ma kienx diġa' tal-imħarrka għaliex mixtri minnha. Ħalla b'legat lil bint l-imħarrka l-imsemmija dar fi proprjeta' assoluta. Ordna li l-atturi wliedu jieħdu biss il-leġittima, u ħatar lil bintu Jasmine (bint l-imħarrka) bħala l-werrieta tiegħu universali;

Illi fit-tieni testment, Baldacchino ħalla lill-imħarrka b'legat garaxx fi Triq Ħal Mula, f'Ħaż-Żebbuġ, fi proprjeta assoluta, u kkonferma l-ewwel testment, b'mod li ried li ż-żewġ testmenti jinqraw flimkien;

Illi din il-kawża nfetħet fid-19 ta' Ġunju, 2013. Dakinhar ukoll, l-atturi fetħu kawża kontra Jasmine Baldacchino[10] li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li l-Qorti ssib li huma għandhom jedd jieħdu s-sehem riżervat mill-wirt ta' missierhom, wara li l-Qorti tillikwida dak il-wirt, magħdud miegħu dak kollu li missierhom Alfred Baldacchino seta' ta lil kull min kien b'mod gratuwitu matul ħajtu, u tikkundanna lill-imsemmija Jasmine Baldacchino, bħala l-werrieta ta' missierha (u missier l-atturi) biex tħallashom is-somma hekk likwidata bħala s-sehem riżervat li kull waħda minnhom imissha mill-imsemmi wirt;

Illi jidher xieraq li fil-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami l-Qorti tqis l-ewwel ir-raba' eċċezzjoni preliminari, ladarba l-imħarrka fi stadju inoltrat tat-trattazzjoni irrinunzjat b'nota għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha tal-preskrizzjoni. Dan jingħad ukoll għaliex it-tieni eċċezzjoni u l-ewwel paragrafu tat-tielet eċċezzjoni preliminari jiddependu mill-mod kif il-Qorti sejra tiddeċiedi r-raba' eċċezzjoni preliminari;

Illi fi**r-raba' eċċezzjoni preliminari** l-imħarrka tgħid li jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku li jagħmlu l-kawża. Hija tgħid hekk għaliex tqis li l-atturi ma jistgħu jieħu mill-azzjoni tagħhom l-ebda benefiċċju li mhux diġa' mogħti lilhom taħt l-artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili. Iżżid tgħid li tant dan huwa minnu li l-istess atturi nqdew bl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi biex fetħu kontestwalment kawża oħra kontra l-werrieta ta' missierhom biex jieħdu s-sehem riżervat imħolli lilhom skond il-liġi;

Illi min-naħa tagħhom l-atturi jisħqu li huma għandhom kull interess li jwaqqgħu d-donazzjoni li huma jgħidu li missierhom ta lill-imħarrka għaliex "minn din id-deċiżjoni jiddependi kemm hu s-sehem riżervat tagħhom fil-kawża l-oħra li qed timxi kontestwalment ma' din il-kawża"[11]

[10] Rik. Nru. 594/13JRM
[11] Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 411 tal-proċess

u terġa' ttenni li "l-utilita' ta' din il-kawża hija indispensabbli a fini ta' komputazzjoni tas-sehem riżervat . . ."[12]. Huma jżidu jgħidu li l-azzjoni tagħhom kienet meħtieġa għaliex id-donazzjoni li missierhom għamel lill-imħarrka ma saritx lill-werriet/a tiegħu u għalhekk jgħidu li l-artikolu 620(3) ma jgħoddx għal donazzjoni bħal dik magħmula mil-imħarrka. Minn dawn is-sottomissjonijiet, il-Qorti tara li joħroġ ċar li l-għan ewlieni tal-azzjoni attriċi hija waħda dikjaratorja;

Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta' eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma' dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mal-prinċipji li sa minn żmien twil ilu ssawru biex ifissru x'inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[13], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[14]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[15];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni[16], u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[17]. Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża[18], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[19];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[20], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[21];

---

[12] *Ibid.*
[13] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**); Maġ (Għ) AE **2.11.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Schembri vs Anġelina Schembri***
[14] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[15] Ara App. Ċiv. **29.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Mizzi et vs Dr. John C. Grech et***; u P.A. AE **26.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Josanne Schiavone vs Rev. Sr. Claudia Żammit noe et*** (mhix appellata)
[16] App. Ċiv. **10.11.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Doris Gauċi noe vs Anthony Vella***
[17] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).
[18] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[19] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[20] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[21] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)

Illi b'żieda ma' dan kollu xieraq jingħad li jaqgħu taħt skrutinju tal-Qrati wkoll dawk l-azzjonijiet li, għalkemm imsejsin fuq jedd tal-attur, ikunu maħsuba esklussivament biex jagħmlu ħsara lill-imħarrek mingħajr ma jagħtu l-ebda vantaġġ utli lill-attur, għajr is-"sudisfazzjon" li jkun qagħbar lill-istess imħarrek. Dawn l-azzjonijiet huma magħrufa fid-duttrina bħala *acta ad aemulationem*. F'każijiet bħal dawn, id-duttrina tqis li azzjonijiet ta' din l-għamla huma saħansitra illegali u jonqos fihom l-interess ġuridiku meħtieġ[22];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum joħroġ ċar mill-premessi tar-Rikors maħluf tal-atturi li l-għan ewlieni tal-azzjoni tagħhom hija li jwaqqgħu donazzjoni li huma jgħidu li missierhom kien għamel favur l-imħarrka. Il-ħsieb wara dan l-għan ewlieni huwa li, ladarba titwaqqa' dik id-donazzjoni, l-ammont donat jerġa' jmur lura fl-assi tal-wirt tal-missier u b'hekk isaħħaħ is-sehem li kull waħda mill-atturi jmissha mis-sehem riżervat ta' dak il-wirt. Lil hinn mill-kwestjoni dwar jekk kienx hemm tabilħaqq donazzjoni, il-Qorti tara li l-għan ta' din l-azzjoni attriċi huwa wieħed immirat lejn azzjoni oħra, fis-sens li ssemma aktar qabel. Ma huwiex għan fejn ir-rimedju aħħari jintalab u jinkiseb f'din il-kawża. B'xiehda ta' dan wieħed jirreferi għat-tielet (3) talba li l-atturi jagħmlu fil-kawża miftuħa kontra bint l-imħarrka fejn jissemmew espressament it-talbiet attriċi magħmula f'din il-kawża;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħraf li l-imħarrka ma kenitx il-werrieta ta' missier l-atturi, imma hija biss legatarja u, bħala legatarja, mhijiex il-persuna li kontra tagħha l-werrieta jridu jmexxu biex jieħdu s-sehem riżervat merfugħ lilhom mil-liġi. Tagħraf ukoll li l-imħarrka stqarret li Alfred Baldacchino għaddhielha globalment somma flus[23] (jekk hux f'daqqa jew le għad irid ikun stabilit sewwa) li qegħdithom f'kont bankarju intestat f'isimha[24]. Hekk ukoll tagħraf li, sa mill-1996, Alfred Baldacchino kien diġa' wera r-rieda tiegħu li lill-atturi wliedu jħallihom biss il-leġittima (kif kien għadu jissejjaħ is-sehem riżervat dak iż-żmien) u li dan setgħet tagħmel tajjeb għaliha xi somma flus imwarrba għal dan il-għan;

Illi, iżda, il-Qorti ma tarax li l-atturi, minkejja dawn iċ-ċirkostanzi kollha, kellhom tassew għalfejn jiftħu din il-kawża kontra l-imħarrka. Fl-ewwel lok, kif sewwa targumenta l-imħarrka fis-sottomissjonijiet tagħha, jekk tabilħaqq li l-premessi tal-azzjoni tallum jinbnew fuq il-kwestjoni tad-donazzjoni u s-siwi tagħha, it-talba tagħhom għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat kienet titwettaq ukoll fil-kawża li huma fetħu kontra l-

---

[22] Cfr. Said Pullicino "*The Civil Action with Special Reference to the Element of Interest*", (Teżi LL.D., 1961), paġġ. 56-8 u 89-91.
[23] Xhieda tagħha fil-kontro-eżami 2.10.2014, f'paġġ. 372 – 4 tal-proċess
[24] Dokti "RA18" u "RA24", f'paġġ. 301 u 317 tal-proċess

werrieta Jasmine Baldacchino (bint l-imħarrka). Dan jingħad għaliex jekk ikollu joħroġ li huwa minnu li Alfred Baldacchino iddispona minn ġid f'ħajtu b'liberalita' lil kull min seta' kien, kull waħda minn dawk id-disponimenti "titwaqqa'" għall-finijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat mingħajr l-ebda ħtieġa li l-Qorti toqgħod tara jekk dawk id-donazzjonijiet kinux jew le skond il-liġi. Fit-tieni lok, jekk ser joħroġ li huwa minnu li missier l-atturi għamel għotjiet ta' liberalita', hija l-werrieta li trid twieġeb għall-imputazzjoni li trid issir fil-massa tal-ġid tal-wirt li tħallielha u mhux id-donatarja; min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba kellu joħroġ li ma kien hemm l-ebda għotja b'liberalita' imma għal xi kawża jew obbligazzjoni oħra, xorta waħda joħroġ li din l-azzjoni tal-lum ma tkun tal-ebda fejda għall-finijiet tal-azzjoni l-oħra li l-atturi fetħu kontra l-werrieta biex jieħdu s-sehem riżervat imħolli lilhom minn wirt missierhom. Fit-tielet lok, huwa evidenti li l-għan tal-atturi li jħassru d-donazzjoni li jgħidu li missierhom għamel lill-imħarrka mhuwiex sempliċement dak li jwaqqgħu id-donazzjoni: kif ingħad qabel il-ħsieb huwa dak ta' azzjoni dikjaratorja li tabilfors issib il-benefiċċju tagħha fil-kawża l-oħra miftuħa mill-atturi u li diġa' taħseb għal konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni bħal dik. Fir-raba' lok, jekk kemm-il darba din l-azzjoni saret biex biha l-assi f'idejn l-imħarrka jinżammu milli jitwarrbu sakemm tinqata' l-kawża kontra bintha, allura dan jikxef għan li jissarraf f'azzjoni ta' emulazzjoni li l-mira tagħha tibdilha f'waħda x'aktarx vessatorja. Fil-ħames lok, il-Qorti ma tistax taqbel mal-atturi fit-tifsira li huma jagħtu lill-artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili, meta jgħidu li dak l-artikolu jaħseb biss f'donazzjonijiet li l-mejjet ikun għamel favur il-werrieta u ma jgħoddx għal donazzjoni bħalma jgħidu li għamel mal-imħarrka (li kienet il-konkubina tiegħu u mhux il-werrieta). Il-kliem tal-liġi huwa ċar li l-imputazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riżervat issir ukoll fir-rigward ta' "dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona <u>favur ta' xi ħadd</u>", u għalhekk mhux biss favur ta' xi werriet maħtur minnu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li jonqos tassew fl-atturi l-interess ġuridiku li jressqu u jmexxu 'l quddiem din l-azzjoni tagħhom kontra l-imħarrka u għalhekk ir-raba' eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa' r-raba' eċċezzjoni ma jifdal l-ebda raġuni għalfejn għandha tgħaddi biex tistħarreġ ukoll **it-tieni eċċezzjoni preliminari** u **l-ewwel paragrafu tat-tielet eċċezzjoni** u dan għaliex il-konsiderazzjonijiet magħmulin aktar qabel jixħtu dawl ukoll fuq dawk l-eċċezzjonijiet li, għalkemm imressqin f'sekwenza qabel ir-raba' eċċezzjoni preliminari, fis-sewwa jinstiltu minnha. Huwa minnu li t-tieni

eċċezzjoni preliminari tittanta tidħol f'kunsiderazzjonijiet dwar kemm jgħoddu għall-każ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1753 u 1770 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti, madankollu, ma tara l-ebda siwi li tistħarreġ dan l-argument partikolari, jekk mhux għal raġunijiet ta' eżami għal kollox akkademiku tal-fondatezza tal-azzjoni attriċi, eżerċizzju li, minħabba dak li waslet għalih il-Qorti dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari, ma jifdallu aktar l-ebda skop f'dan il-waqt. Għaldaqstant, ladarba l-Qorti sejra ssib li jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem din il-kawża, hija sejra tastjeni milli tqis aktar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrka u ssib li jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku li jressqu u jmexxu 'l quddiem din l-azzjoni tagħhom kontra l-imħarrka;

**Tastjeni** milli tqis **it-tieni eċċezzjoni preliminari** u l-**ewwel paragrafu tat-tielet eċċezzjoni**, fid-dawl tal-premess; u

**Teħles lill-imħarrka** mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi **spejjeż** għall-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' Novembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**12 ta' Novembru, 2015**